PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Novembru 1999.

Numru 16

Citaz. numru 1310/94DS

Louis Spiteri u martu Mary Spiteri
ghal kull interess li jista' jkollha
vs
Dennis Gatt

Illum, 12 ta' Novembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi:

L-atturi bieghu lill-konvenut diversi partiti ta' gebel bil-prezz komplessiv ta' tlett elef u mija u sittin Lira Maltija (Lm3,160).

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti fil-hlas tas-somma riferita minkejja li gie interpellat ghal hlas b'ittra ufficjali.

Illi l-ammont dovut huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-atturi, l-istess konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jissolleva ghall-pretenzjoni taghhom.

talbu lil din il-Qorti:

1. Biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh kif provdut bl-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlett elef u mija u sittin Lira Maltin (Lm3160) prezz tal-partiti ta' gebel lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 1994 u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal illi huwa ma xtara minghand l-attur u konsegwentement ma ghandu jhallas xejn lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

L-attur qieghed jippretendi hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' Lm3160 bhala prezz ta' partiti ta' gebel konsenjati lilu. Il-konvenut isostni li l-ftehim ma' l-attur kien wiehed ta' tpartit: l-attur jipprovdi gebel lill-konvenut u l-konvenut jipprovdi planki tal-konkos.

Qabel xejn il-Qorti tosserva dwar is-somma pretiza ta' Lm3160 li hija deskritta fic-citazzjoni bhala "l-prezz komplessiv" ta' diversi partiti ta' gebel, li mill-invoices esebiti mill-attur quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran li gabar ix-xiehda, is-somma totali hemm rizultanti hija ta' Lm3711.50 li minnha naqqas Lm450 mhallsin mill-konvenut ghal bilanc ta' Lm3261.50. Din l-osservazzjoni qed issir biex tigi notata mill-ewwel id-diskrepanza bejn dak mitlub mill-atturi fic-citazzjoni u l-invoices esebiti mill-attur stess.

Mir-rizultanzi processwali jidher li certu Victor Fenech kien inkariga lil certu Anthony Vassallo biex jibnilu villa f'H'Attard. L-attur kien jipprovdi l-gebel. Il-konvenut gie avvicinat minn Vassallo biex jipprovdi l-planki ghas-saqaf. Kellem lil Fenech izda dan qallu li kellu x'jaqsam ma' Vassallo. Billi l-konvenut ma kellux fiducja li jithallas minghand Vassallo ma baghatx ix-xoghol izda Fenech beda jigri warajh biex isaqqaflu. Ghalhekk u peress li sar jaf li l-gebel kien qed jipprovdieh l-

attur, mar ghand l-attur flimkien ma' Fenech u l-attur accetta li jaghmel tajjeb hu ghall-valur tal-planki b'dan li flok ihallsu bil-flus ihallsu b'gebel.

Il-ftehim imsemmi gie kkonfermat minn Victor Fenech fix-xiehda tieghu u gie kkonfermat sahansitra mill-attur meta xehed: "Il-ftehim kien li naraw kemm se jitla' s-saqaf, jiena nehodlu bejn wiehed u iehor l-istess ammont lill-konvenut b'gebel u hu jtini l-planki fejn nixtieq jien. Kien ghamel l-istess ftehim mieghu hija." Qal ukoll li meta accetta li jaghmel tajjeb kien "taht pressjoni kbira". X'kienet din il-pressjoni kbira ma jamplifikax u l-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm xejn x'izommu milli jirrifjuta tali ftehim. Wara kollox hu kellu x'jaqsam mal-gebel biss. Ma tistax tifhem il-Qorti kif seta' jiehu decizjoni simili minghajr lanqas ma jitkellem ma' Vassallo qabel. Izda d-decizjoni hadha kif jammetti hu stess. Sussegwentement skond l-attur cempillu Vassallo li qallu li se jaghmel tajjeb ghall-planki u ghalhekk l-attur cempel lill-konvenut biex ighidlu li se jaghmel tajjeb Vassallo ghall-planki u li l-konvenut ma kkummenta xejn. (Vassallo jichad li cempel lill-attur biex jiehu l-planki fuq ismu u jikkonferma wkoll il-ftehim bejn Spiteri u Gatt).

Jidher li t-tpartit beda jsir ghax l-attur beda jipprovdi gebel lill-konvenut u dan beda jiehu planki ghand Fenech. Aktar 'il quddiem l-attur mar ikellem lill-konvenut biex jithallas. Il-konvenut ghamel il-konteggi, ikkalkula li l-attur kien hareg bejn wiehed u iehor Lm3610 filwaqt li l-konvenut stess kien hareg Lm3160 planki u ta d-differenza ta' Lm450 lill-attur permezz ta' cekk. Jirrizulta li dan l-ammont gie accettat mill-attur, tant li anke fl-invoices li huwa esebixxa huwa jindika proprju pagament ta' Lm450 li naqqas mill-prezz ta' gebel li jghid baqaghlu x'jithallas tieghu. George Portelli, socju tal-konvenut, kien prezenti meta sar il-pagament. Huwa xehed li kien jiehu hsieb il-karti tax-xoghol taghhom, "hrigt l-ammont u qbilna fuqu, qatghu xi prezz ta' saqaf u affarijiet ta' haddiehor, hareg il-bilanc u tah il-bilanc tac-cekk li kien fadal." L-attur dak il-hin ma qal xejn, u ha c-cekk; argumenti ma kienx hemm. Hu evidenti li l-pagament li ghamel il-konvenut f'din l-okkazjoni kien ghas-saldu tat-tpartit li kien sar bejn il-partijiet. L-attur kellu l-opportunita' kollha li jirrifjuta l-imsemmi pagament u jiehu l-passi li dehrlu opportuni f'dak l-istadju biex jissalvagwardja l-pretensjoni tieghu. Forsi pero' f'dak il-punt kien ghadu qed jittama li jithallas minghand Vassallo.

Meta l-attur baqa' ma thallasx minghand Vassallo ddecieda li jiehu passi kontra l-konvenut. Huwa jghid li ma fittixx lil Vassallo peress li ma kienx jidhol fiha. Fil-fehma tal-Qorti l-problema holoqha l-attur stess meta accetta li jaghmel tajjeb hu ghall-planki tal-villa ta' Fenech. Il-fatt li bejn il-figura li kien semma originalment il-konvenut ("around two thousand

six hundred" jew "two thousand seven hundred liri") u l-figura finali kien hemm diskrepanza ta' madwar Lm600 ma jfissirx li l-ftehim li sar ghandu jitqies li nkiser peress li s-somma kwotata mill-konvenut kienet stima u rrizulta waqt ix-xoghol li kellha tizdied il-hxuna ta' xi planki.

Ghaldaqstant it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Grazio Galea
D/Registratur